// UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*20 ta' Novembru, 2009*

125/2009

# KRISTU RE

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA

Data: Il-Ħadd, 22 ta' Novembru, 2009

Post: Knisja Parrokkjali tas-Swatar

Ħin: 4.00 p.m.

Nhar il-Ħadd li ġej se tiġi organizzata ċ-ċelebrazzjoni Djoċesana fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re bit-tema "Miftuħin għal Alla, miftuħin għal ħutna". Is-segretarju pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, Mons Charles Cordina, qal li din it-tema tistedinna lkoll nieħdu responsabilta' tal-ġustizzja u s-solidarjeta' kull fejn inkunu. Din it-tema intagħzlet minħabba li ċ-ċelebrazzjoni se tiffoka fuq l-Enċiklika tal-Papa Benedittu XVI 'Caritas In Veritate'. Il-programm jinkludi *feature* li jispjega l-punti ewlenin ta' din l-Enċiklika, b'emfażi fuq il-globalizazzjoni, l-kriżi finanzjarja, l-immigrazzjoni u l-ambjent.

Iċ-ċelebrazzjoni Djoċesana tilħaq il-qofol tagħha bid-diskors tal-Arċisqof Pawlu Cremona OP, li wkoll se jkun qed jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu fuq l-Enċiklika tal-Papa. Din iċ-ċelebrazzjoni, li tibda fl-4.00 p.m, se ssir quddiem il-Knisja Parrokkjali tas-Swatar. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.